MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 18/2010/1

**Lawrence Borg**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-10 ta' Jannar 2011 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors promotur ta' Lawrence Borg fejn ippremetta ssegwenti:-*

*"Illi huwa gie notifikat b'ittra tal-15 ta' Jannar 2010 fejn gie nterpellat biex ihallas disa' mija w tmienja w sebghin Ewro*

*u erbgha u tletin centezmu (€978.34) bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Artikolu 60 tal-Kap 364 annessa mal-istess ittra.*

*Illi huwa qieghed jopponi ghal tali likwidazzjoni ghal diversi ragunijiet.*

*1. Illi t-talba hija preskritta ghaliex it-trasferiment sar fit-28 ta' Settembru 1998 minn liema zmien 'l hawn huwa qatt ma ircieva att gudizzjarju li jinterrompi l-preskrizzjoni.*

*2. Illi huwa kien ghamel oggezzjoni ghal din it-talba u ghalkemm suppost illi din l-oggezzjoni kellha tigi ezaminata minn Bord, dan il-Bord jidher li lanqas kien imwaqqaf u allura kien eskluz milli ghall-inqas ikollu l-kaz tieghu deciz minn tribunal imparzjali u indipendenti.*

*3. Illi l-istima tal-Perit tad-dipartiment hija dejjem arbitrarja u perizja ex parte u ghalhekk mhijiex attendibbli.*

*4. Illi l-bejgh huwa kien ghamel kien skond il-ligi u skont il-prezzijiet rikorrenti ta' dak iz-zmien."*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab illi din il-Qorti "Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tiddikjara li t-talba tal-kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra ufficcjali tal-15 ta' Jannar 2010 tigi dikjarata mhux misthoqqa u li hija infondata fil-fatt u fid-dritt."*

*Rat ir-risposta tal-Kummissaru tat-Taxxi Interni prezentata nhar l-1 ta' Frar, 2010 fejn espona s-segwenti:-*

*"1. Illi l-azzjoni tal-esponenti ghal gbir ta' taxxa dovuta lilu mhijiex preskritta kif qieghed jallega r-rikorrenti fir-rikors promotur u l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa dovut fl-intier tieghu.*

*Illi jigi rileva tilli s-sekwenza tal-fatti hija s-segwenti:-*

*a. Illi fis-6 ta' Ottubru 1998 id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ircieva l-avviz (DDT 1) skont il-ligi bid-dettalji ta' trasferiment ta' nofs indiviz ta' porzjon ta' art mill-ghalqa msejha 'Tal-Andar' tal-kejl ta' circa 152.59 m.k fi triq il-Maghsar Zabbar mir-rikorrenti lil Josephine Mizzi (ID787343M) (Dok KTI 1).*

*b. Illi fis-17 ta' Gunju 1999 l-esponent hareg Avviz ta' Likwidazzjoni lir-rikorrenti fl-ammont ta' Lm420 (€ 978.34) rapprezentanti taxxa addizzjonali dovuta minnu fuq dak ittrasferiment (Dok KTI 2).*

*c. Illi fis-6 ta' Lulju 1999 l-esponent ircieva avviz ta' oggezzjoni bil-miktub datat 26 ta' Gunju 1999 milli msemmi*
*Avviz ta' Likwidazzjoni (Dok KTI 3).*

*d. Illi fl-10 ta Mejju 2006 l-esponenti pproceda bil-hrug ta' Avviz ta' Rifjut mill-oggezzjoni tar-rikorrent (Formola DDA 7) annessa u mmarkata bhala Dok KTI 4 li giet debitament notifikata lir-rikorrent permezz tal-posta registrata fit-22 ta' Mejju 2006 (KTI 5 u KTI 6).*

*e. Illi r- rikorrent ma ntavola l-ebda appell mill-Avviz ta' Rifjut mahrug mill-esponent.*

*f. Illi meta skada t-terminu ghall-appell mill-Avviz ta' Rifjut mahrug mill-esponent ossija fit-23 ta' Gunju 2006 , l-Avviz ta' Likwidazzjoni sar finali u konklussiv ai termini tal-artikolu 60 ta' l-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Traferimenti (Kap 364).*

*Illi mill-fatti fuq esposti huwa manifest li m'ghaddewx hames (5) snin mit-23 ta' Mejju 2006 - id-data minn mindu l-likwidazzjoni ta' taxxa saret finali u konklussiva ai termini tal-ittra ufficjali 178/2010 tal-15 ta' Jannar 2010 (kopja legali annessa u mmarkata bhala Dok KTI 7) u kull allegazzjoni li l-ammont mitlub huwa preskritt hija bir-rispett kollu infondata.*

*2. Illi kif jirrizulta mill-fatti 'l fuq esposti, huwa minnu li rrikorrent ghamel oggezzjoni mill-Avviz ta' Oggezzjoni ta'*

*l-esponent 26 ta' Gunju 1999, izda din l-oggezzjoni giet rifjutata (Dok KTI 4) u debitament notifikata lilu fil-11 ta' Mejju 2006 (Dok KTI 5 u KTI 6) izda r-rikorrent ma ntavola l-ebda appell mill-imsemmi Avviz ta' Rifjut;*

*Illi l-procedura ta' kontestazzjoni idonea stipulata fil-Kap 364 hija li minn Avviz ta' Rifjut mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini tal-Artikolu 56 (3) tal-Kap 364 hemm fakolta' ta' Appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (gja il-Bord ta' Kummissarji Specjali) fi zmien tletin (30) gurnata skond l-artikolu 58 tal-Kap. 364 u mid-decizjoni tat-Tribunal hemm ukoll il-possibilita' ta' Appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta' l-artikolu 59 ta' l-istess Att.*

*Illi effettivament mir-records tad-Dipartiment jirrizulta li rrikorrent ma ntavola l-ebda appell mill-Avviz ta' Rifjut u allura l-allegazzjoni fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur, u cioe' li hemm proceduri pendenti quddiem il-Bord ta' Kummissarju Specjali, hija bir-rispett kollu inveritjiera.*

*3. Illi l-ilmenti tar-rikorrent fit-tielet u r-raba' paragrafi tar-rikors promotur fis-sens illi l-istima tal-Perit tad-Dipartiment hija arbitrarja u l-valur dikjarat minnu kien allegatament gust, jinghad illi l-likwidazjoni mahruga mill-esponent issegwi fedelment il-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk ir-rikorrent ma qabilx maghha kellu kull opportunita' li jressaq oggezzjoni ghal din is-somma ai termini tal-artikolu 58 tal-kap 364, ossia quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali – illum it-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva – izda huwa ma pprevaliex ruhu mir-rimedji spettanti lilu ai termini ta' din il-ligi specjali. Bir-rispett dovut l-esponent hu tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum ta' taxxa dovuta mir-rikorrent f'dan l-istadju tal-gbir ta' likwidazzjoni li hija ormai finali u konklussiva.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-intimat jitlob li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu."*

*Rat id-dokumenti esebiti.*

*Semghet ix-xhieda ta’* **Lawrence Borg** *moghtija nhar it-30 ta’ Settembru 2010 (fol. 25 et seq.). Dan spjega illi fis-sena 1988 huwa ffirma kuntratt fejn biegh art li kellu Haz Zabbar u dan ghaliex fil-fatt kellu xi djun mal-Bank. Huwa biegh il-proprjeta’ bil-prezz li tawh ghaliex kien kostrett ibiegh. Jghid li in segwitu’ kien irceiva kont minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kien ikkontestah billi l-Avukat tieghu kien ipprezenta oggezzjoni li tinsab esebita fl-atti a fol. 12, pero’ ma kien sema’ xejn aktar dwaru. Ikkonferma li l-uniku korrispondenza li kien ircieva kien sabiex jitla’ l-Qorti. Huwa kkonferma li l-indirizz tieghu huwa 103, Sacred Heart Street, Zabbar.*

*Meta gie muri d-dokument KTI 4 jghid li dik kienet l-ittra li allegatament giet mibghuta lilu mill-intimat, fejn kien qed jinfurmah li l-oggezzoni tieghu ma gietx accettata. Ikkonferma li fil-fatt huwa qatt ma kien ircieva din l-ittra u jghid li hdejn is-signature of addressee tad-Dokument KTI 5 m’hemm xejn.*

***Ivan Portelli*** *ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kummissaru tat-Taxxi Interni xehed nhar is-26 ta’ Ottubru 2010 u kkonferma li n-notice of assessment f’dan il-kaz kien hareg fis-17 ta’ Gunju 1999 kif jirrizulta mill-att a fol. 11 – Dok. KTI 2. Spjega li dan id-dokument kien intbaghat bil-posta registrata u l-pink card hija ffirmata mill-pustier izda mhux mir-ricevitur taghha. Huma baghtu formola lil posta sabiex jaraw ghal xhiex kien dovut dan innuqqas u d-Dipartiment tal-Posta kienu infurmahom li l-ittra kienet giet konsenjata lil Lawrence Borg ta’ 103, Sacred Heart Street, Zabbar, kif jidher mid-dokument KTI 6 a fol. 16.*

*Jspjega li in segwitu kienu rcevew ittra minghand ir-rikorrenti mibghuta minn Dr. Stefano Filletti ghan-nom tieghu nhar is-26 ta’ Gunju 1999. Huwa ghamel referenza ghad-dokument KTI 3, li jindika li huma rcevew din l-ittra fis-6 ta’ Lulju 1999. Sussegwentement nhar l-10 ta’ Mejju 2006 inhareg l-avviz tar-rifjut, liema dokument huwa mmarkat bhal Dok KTI 4, esebit fl-atti a fol. 14. Dan ukoll gie notifikat permezz tal-posta registrata fit-23 ta’ Mejju*

*2006, kif jidher a fol. 15 Dok KTI 5. Id-dokument KTI 6 hija l-konferma li huma rcevew mill-Posta li r-rifjut kien wasal ghand ir-rikorrenti fit-22 ta' Mejju 2006.*

***Loredana Farrugia** xehdet f'isem id-Dipartiment tal-Posta wara li giet ezentata mis-Sigriet Professjonali, nhar is-sittax ta' Novembru, 2010 u kkonfermat li l-Posta kienet irceviet ittra minghand l-intimat sabiex jivverfika jekk ittra registrata numru PR 006358202 NT indirizzata lir-rikorrent kienitx giet imqassma, u hija wiegbet li kien irceviha fit-22 ta' Mejju 2006. Spjegat li ma kenitx f'posizjoni tghid min kien iffirma ghaliha ghaliex dawn jigu distrutti wara sitt xhur.*

*Semghet lill-avukat difensur tal-intimat titratta r-rikors fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi in linea preliminari r-rikorrent qed isostni li l-azzjoni tal-intimat hija preskritta, u l-intimat fin-nota tal-eccezzjoniet tieghu eccepixxa l-preskrizzjoni tal-hames snin.*

*Issa l-preskrizzjoni fis-sistema legali Maltija hija mezz procedurali ta' helsien mill-azzjoni. Kawza tal-principju tal-preskrizzjoni, l-attur ma jkunx jista' aktar jottjeni rrimedju li jixtieq permezz tal-proceduri legali. L-Artikolu 1145 tal-Kap. 16 qabel ma jelenka kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet isemmi li:*

*"barra mill-effetti tal-kundizzjoni rizoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni l-obbligazzjonijiet jispiccaw …"*

*Fis-sentenza **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana,** dik il-Qorti ghamlet rassenja ta' gurisprudenza relevanti u qalet:*

*"L-ewwel nett ghal dak li hi proposizzjoni ta' ligi, m'hemmx dubju li wiehed mill-obbjettivi tal-preskrizzjoni hu dak li wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi [Artikolu 2107(2), Kodici Civili]. Jidher minn dan, kif konkordi wkoll*

*fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi l-indoli tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda procedurali."*

*F'dan il-kuntest, il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjala dawn il-precedenti li gejjin:*

*"(1) Fis-sentenza* ***Philip Agius nomine vs Avv. Dr. Joseph A. Micallef nomine,*** *20 ta' Frar 1952, il-Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onor. Imhallef William Harding, irrimarkat illi "l-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux ghas-sustanza tal-obbligazzjoni, imma ghall-azzjoni. Infatti, l-Artikolu 1188 Kodici Civili (fil-prezent* ***Artikolu 1145****) isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni tal-obbligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, ghalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' riserva tal-effetti taghha. Mhux biss, imma l-Artikolu 2212 (illum l-****Artikolu 2107****) tal-Kodici jiddefinixxi* ***expressis verbis*** *il-preskrizzjoni liberatorja bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni."*

*"(2) Il-kwistjoni qamet ukoll fis-sentenza* ***Carmelo Agius Fernandez et vs Avukat Dr. Filippo Nicolo Buttigieg,*** *Prim' Awla Qorti Civili, 13 ta' April 1953. Intqal fiha illi "l-fondament tal-preskrizzjoni estintiva…..hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilita` tal-azzjoni, biex l-istat guridiku tal-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv tal-azzjoni";*

*(3) Fis-sentenza imbaghad,* ***Ester Degabriele et vs Joseph Rizzo,*** *26 ta' Frar 1965, il-Qorti tal-Appell, Sede Civili, irriteniet dan: "Minghajr ma l-Qorti tidhol fid-diskussjon dottrinali jekk il-preskrizzjoni estintiva hiex biss eccezzjoni kif hemm min isostni, inkella ghandhiex ukoll funzjoni ta' dritt materjali, huwa cert illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha funzjoni importantissima processwali. Ta' min jirrileva li fil-Kodici taghna, il-preskrizzjoni (estintiva) hija definita bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, mhux kif jinghad fil-Kodici Taljan, minn obbligazzjoni"…..*

*Dik il-Qorti fl-istess kawza qalet hekk:*

*“Dan ghaliex l-istimi mill-Kummissarju kienu hargu, u gew ukoll notifikati, fl-1994, u kien biss wara hdax-il sena illi l-appellat indenja jibghat l-att gudizzjarju interruttiv, meta skont is-subinciz (2) tal-Artikolu 47, l-azzjoni tieghu kienet allura gja` estinta. Minn dak dedott, din il-Qorti ghandha raguni serja tahseb ghall-anqas fl-ambitu tal-fattispeci tal-kaz* ***de quo,*** *illi l-iskop veru ghall-introduzzjoni fil-ligi tas-subinciz (4) tal-Artikolu 47 ma kienx dak issugerit mill-appellant izda pjuttost, biex taghmel tajjeb ghall-inerzja ta’ min fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassigura l-hlas tad-debitu. Kieku dan kellu jigi applikat jigi li l-ligi saret retroattivament ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverat ruhha taht il-ligi, qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva, u dan ma jidhirx li hu ragjonevoli u wisq anqas accettabbli. Ara a propozitu f’dan l-istess sens iddecizjoni fl-ismijiet* ***A.B. vs Nutar Vincenzo Gatt noe,*** *Appell, 17 ta’ Ottubru 1957 li, incidentalment kienet titratta wkoll minn kwistjoni tal-estensjoni taz-zmien preskrittiv, anke jekk f’dak il-kaz si trattava minn talba tat-****taxpayer*** *ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnu mhallsa in eccess ta’ dak dovut….”*

*Din il-Qorti taqbel ma’ dak kollu msemmi fil-kawza tal-* ***Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana.*** *Il-principju tal-preskrizzjoni kien gie mdahhal fil-ligi minhabba li mhux sewwa li affarijiet jibqghu indeterminati ghal zmien twil. Huwa gust li wara t-trapass ta’ zmien dipendenti mic-cirkostanzi li ghalihom huwa riferibbli l-kaz, il-kwistjoni tigi maghluqa b’mod definittiv.*

*Dan jassumi iktar importanza fejn wiehed ikun obbligat li biex jipprova dak li qal ikollu jipproduci dokumenti u mhux sewwa li wara li jkun ghadda l-perjodu preskrittiv, illegislatur f’oggetti ta’ natura fiskali jdahhal dispozizzjonijiet*
*retroattivi ghall-fatti li rrizultaw precedentement taht kif kienet il-ligi dak iz-zmien. Kull sistema guridika ghandha jkollha c-certezza tal-principji legali u r-retroattivita` hija element eccezzjonali.*

*L- Artikolu 47 (2) jipprovdi li “l-azzjoni ghall-hlas ta’ taxxa ecc. tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru*

*dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik iddata…” Issa fil-kaz odjern, fis-6 ta’ Ottubru 1998 d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ircieva l-avviz (DDT 1) skont il-ligi bid-dettalji ta’ trasferiment tal-proprjeta ta’ nofs indiviz ta’ porzjon ta’ art mill-ghalqa msejha ‘Tal-Andar’ tal-kejl ta’ circa 152.59 m.k fi triq il-Maghsar Zabbar mir-rikorrenti lil Josephine Mizzi (ID 787343M) (Dok KTI 1) u fis-17 ta’ Gunju 1999 l-intimat kien hareg Avviz ta’ Likwidazzjoni lir-rikorrenti fl-ammont globali ta’ Lm420 (€978.34) rapprezentanti taxxa addizzjonali dovuta minnu fuq dak it-trasferiment (Dok KTI 2). Gara li fis-6 ta’ Lulju 1999 l-intimat ircieva avviz ta’ oggezzjoni bil-miktub datat 26 ta’ Gunju 1999 mill-imsemmi Avviz ta’ Likwidazzjoni (Dok KTI 3). Gara li fl-10 ta Mejju 2006 l-intimat ipproceda bil-hrug ta’ Avviz ta’ Rifjut mill-oggezzjoni tar-rikorrent (Formola DDA 7) mmarkata bhala Dok KTI 4 li giet debitament notifikata lir-rikorrenti permezz tal-posta registrata fit-22 ta’ Mejju 2006 (KTI 5 u KTI 6). Jinghad li r-rikorrenti ma ntavola l-ebda appell mill-Avviz ta’ Rifjut mahrug mill-intimat u meta skada t-terminu ghall-appell mill-Avviz ta’ Rifjut mahrug mill-intimat ossija fit-23 ta’ Gunju 2006 , l-Avviz ta’ Likwidazzjoni sar finali u konklussiv ai termini tal-artikolu 60 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364), u kien minn din il-gurnata li semmai seta’ jibda jiddekorri t-terminu tal-preskrizzjoni.*

*Illi r-rikors promotur gie ntavolat nhar il-15 ta’ Jannar 2010 u ghalhekk zgur li entro il-perijodu preksrittiv ta’ tmien snin, u ghalhekk f’dan ir-rigward ma hemmx wisq x’jinghad salv li din il-Qorti takkolji l-eccezzjoni tal-intimat li s-sottomissjoni tar-rikorrent hija infondata fid-dritt f’dan ir-rigward u s-sottomissjoni tar-rikorrenti dwar il-preskrizzjoni qed tigi michuda.*

*Dwar il-mertu kif jirrizulta mill-fatti ‘l fuq esposti, huwa minnu li r-rikorrenti ghamel oggezzjoni mill-avviz ta’ Oggezzjoni ta’ l-esponent datat 26 ta’ Gunju 1999, izda din l-oggezzjoni giet rifjutata (Dok KTI 4) u debitament notifikata lilu fil-11 ta’ Mejju 2006 (Dok KTI 5 u KTI 6) u rrikorrent ma ntavola l-ebda appell mill-imsemmi Avviz ta’ Rifjut. Kuntrarjament ghal dak li jghid ir-rikorrenti fix-*

*xhieda tieghu, huwa kien gie notifikat bl-avviz tal-oggezzjoni, tant li sahansitra kien ipprezenta appell, izda jidher li ma segwihx la qed jghid li l-kaz tieghu kien ghadu pendenti, haga li ma tirrizulta minn imkien salv minn dak li qal ir-rikorrenti.*

***Illi ghalhekk jidher bic-car li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji lilu spettanti mil-ligi sabiex jikkontesta l-kont tal-intimat li fil-fehma tieghu kien arbitrarju. Dan mhux il-forum idoneju u semmai r-rikorrenti messu pprezenta appell, haga li m'ghamilx, u ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi rifjutata, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.***

***L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lawrence Borg datat 28 ta' Jannar 2011 fejn talab lill-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa' it-talbiet tal-attur appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat l-atti ta' din il-kawza gew imdahhlin fis- 7 ta' Frar 2011 (fol 4).

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissajru tat-Taxxi Interni datata 17 ta' Frar 2011 a fol 5 tal-process fejn talab lill-Qorti tichad ir-rikors tal-appell tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant u dan ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Sarah Vassallo ghall-appellat u rapprezentant tal-istess Ivan Portelli, u Dr. Joseph Brincat ghall-appellanti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-15 ta' Gunju 2011; u d-

digriet sussegwenti tal-15 ta' Gunju 2011 fejn l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-fatti gew esposti sew fl-istess sentenza citata u ghalhekk din il-Qorti qed tirreferi ghalihom; minn din is-sentenza sar appell u l-aggravji huma (a) li mhux minnu li l-appellant ma uzax il-kontestazzjoni disponibbli ghalih skond il-ligi, ghaliex huwa qed isostni li huwa qatt ma gie notifikat bl-avviz li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien qed jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub bl-oggezzjoni tal-appellant (**artikolu 56 (3) tal-Kap. 364);** (b) ma hemmx prova ta' notifika u dan ghaliex il-pink card li saret ghan-notifika ma gietx iffirmata mill-appellanti; (c) li t-terminu ta' preskrizzjoni skada mid-1998 data tal-kunrratt sad-data tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 2010; (d) l-preskrizzjoni ma tistax tigi estiza ghall-eternita'; (e) il-provi juru li l-appellant qatt ma gie notifikat.

Illi ghal dan, l-appellat irrisponda li (a) l-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tal-10 ta' Mejju 2006 gie mibghut fl-indirizz residenzjali tieghu u dan jidher li gie notifikat mid-Dok. "KTI 5" u Dok. "KTI 6" u mix-xhieda ta' Loredana Farrugia ufficjal tal-Posta fejn jirrizulta li l-tali Avviz kien gie notifikat lill-appellant fit-22 ta' Mejju 2006; (b) ma kienx hemm id-dekors tal-preskrizzjoni ta' hames snin (allura skond dak li hemm indikat fl-**artikolu 60 B tal-Kap. 364** – ara wkoll paragrafu 1 (f) tar-risposta tal-appellat quddiem l-Ewwel Qorti) u dan peress li l-likwidazzjoni finali saret permezz tal-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tal-10 ta' Mejju 2006 li gie notifikat fit-22 ta' Mejju 2006, u la darba l-ittra ufficjali saret fil-15 ta' Jannar 2010 (Dok. "KTI 7") mela allura tali terminu ma ghaddiex; (c) l-appellanti ma ghamel ebda appell minn tali Avviz ta' Rifjut mahrug skond l-**artikolu 56 (3) tal-Kap.364** u dan fit-terminu prefiss fl-**artikolu 58 tal-Kap. 364** quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni

Amministrattiva, gja l-Bord ta’ Kummissarji Specjali, u minn tali decizjoni hemm appell quddiem din il-Qorti abbazi tal-**artikolu 59 tal-Kap. 364;** (d) ma hemm xejn arbitrarju fl-istima mahruga u (e) jekk l-appellant ma qabilx maghha huwa dejjem kellu l-opportunita’ li jappella skond il-ligi, izda dan ma ghamlux.

Illi din il-Qorti thoss li meta hija kkonsidrat dan il-kaz ghandha tghid li hija ser tidhol biss fuq il-binarji ta’ dan l-appell u fuq l-aggravji attwalment sollevati, u dan ghaliex il-kompetenza taghha hija limitatata sabiex tezamina dak li attwalment tqajjem mill-appellant bhala aggravji u dak li l-appellat issottometta fir-risposta tieghu u dan fid-dawl tas-sentenza appellata.

Illi precizat dan, jirrizulta li l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li huwa ma setax jipprezenta appell skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 58 tal-Kap. 364** u dan peress li huwa qatt ma gie notifikat b’tali Avviz ta’ Rifjut mahrug skond l-**artikolu 56 (3) tal-Kap.364** u dan ghaliex il-pink card relattiva ma kienitx iffirmata minnu; dan l-aggravju pero’ ma jistax jigi accettat ghaliex jirrizulta li fil-verita’ tali notifika tal-Avviz (Dok. “KTI 4”) giet ippruvata permezz tad-Dok. “KTI 5”, u Dok. “KTI 6” u mix-xhieda ta’ Loredana Farrugia mill-Maltapost datata 16 ta’ Novembru 2010, u dan kollu gie dettaljatament indikat fis-sentenza hawn appellata u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju, la darba jirrizulta li l-istess appellant gie notifikat bl-Avviz tar-Rifjut ta’ l-Oggezzjoni tal-10 ta’ Mejju 2006 fit-22 ta’ Mejju 2006, u l-appellant ma kkontestax tali procedura, lanqas skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 56 (3) tal-Kap. 364** u dan fit-terminu prefiss fl-**artikolu 58 tal-Kap. 364**, mela allura tali Avviz u likwidazzjoni giet resa finali u konklussiva skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 60** u giet resa titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 60A tal-Kap. 364.** Illi dan ifisser li kemm il-darba dan huwa l-kaz, l-appellant ma uzax il-mezzi disponibbli ghalih skond id-disposizzjonijiet appositi tal-imsemmi Att, mela allura llum ma huwiex f’posizzjoni li jattakka l-ittra ufficjali mahruga abbazi tal-**artikolu 466 tal-Kap. 16** datata 15 ta’ Jannar

2010, u dan peress li gja hemm titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 364.**

Illi kwantu ghall-preskrizzjoni li qed issir riferenza ghaliha mill-appellant din il-Qorti tinnota li qabel xejn l-appellant ma rrefera ghall-ebda artikolu tal-Ligi u ghalhekk f'dan l-isfond certament li dan l-aggravju ma jistax jirnexxi peress li minn jeccepixxi l-preskrizzjoni ghandu dejjem jirreferi ghall-artikolu *ad hoc* li huwa qed jibbaza fuqu.

Illi anke jekk pero' ghall-grazzja tal-argument l-istess aggravju ta' preskrizzjoni kellu jigi kkunsidrat taht l-**artikolu 60 B (1) tal-Kap. 364,** li jipprovdi ghal terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-appellat ta' hames snin mid-data li fiha l-likwidazzjoni relattiva tkun saret finali u konklussiva, jirrizulta li fil-kaz in ezami tali likwidazzjoni saret konklussiva u finali bil-hrug ta' l-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tal-10 ta' Mejju 2006 mahrug skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 56 (3) tal-Kap. 364** u li gie notifikat fit-22 ta' Mejju 2006 lill-appellant, u la darba l-ittra ufficjali saret fil-15 ta' Jannar 2010 u notifikata fil-21 ta' Jannar 2010, mela allura tali terminu ta' preskrizzjoni ma ddekorriex; ghalhekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

Illi dwar l-ahhar zewg aggravji jidher car li l-appellant bil-mod kif imposta l-azzjoni u bil-mod kif ghamel l-appell ma jistax jirnexxi fl-attentat tieghu sabiex jannulla l-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2010 u dan peress li ma uzax il-procedura idonea u disponibbli ghalih sabiex jattakka l-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tal-10 ta' Mejju 2006 mahrug skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 56 (3) tal-Kap.364** u lilu notifikat, u l-provi juru li tali notifika fil-fatt saret lill-appellant u dan baqa' inattiv u ma uzax il-mezzi disponibbli ghalih u ghalhekk din il-Qorti, (ghalkemm mhux bilfors tapprova l-mod kif saru l-affarijiet f'dan il-kaz lanqas minn naha ta' l-appellat) qed tichad l-appell interpost mill-appellanti ghaliex kif impostat huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 11 ta' Frar 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Lawrence Borg fir-rikors tieghu tal-appell datat 28 ta' Jannar 2011** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **"Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (Rik. Nru. 18/10/CSH) datata 10 ta' Jannar 2011.

Bl-ispejjez kontra l-appellant Lawrence Borg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------